MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 114/2003

**Avviz numru  114/2003DM**

**Michael Attard Ltd**

**Vs**

**Carmelo u Josephine konjugi Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ (Lm3117.58) tlett elef mija u sbatax il lira Maltija u tmienja u hamsin centezmi, kwantu ghal Lm2475.20 import ta’ 14 il-kambjala inummerati 47 sa 60 u kwantu ghal Lm642.38  interessi relattivi, liema kambjali huma minnhom accettati u iffirmati, u jirrapprezentaw prezz ta’ vettura lihom mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni bil-kopji tal-kambjali annessi bhala dokument 1 sa dokument 14

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' (Lm3117.58) tlett elef mija u sbatax il lira Maltija u tmienja u hamsin centezmi, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali fuq il-kapital ta' Lm2475.20 (elfejn erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmi) b'effett mil-21 ta' Frar tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------